A.L. 79 ta' l-2001

ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (KAP. 389)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gwardjani Lokali

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 24 ta' l-Att dwar Gwardjani Lokali, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, ghamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-sehh.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gwardjani Lokali, u ghandhom jinqraw u jiftehmu haga wahda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Gwardjani Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti principali".

A.L. 161 ta' l-1996.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti principali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti principali ghandu jiġi emendat kif ġej: —

(a) fit-tieni provisio ghar-regolament, minflok il-kliem "Diċembru, 1999." ghandhom jidhlu l-kliem "Diċembru, 1999:";
u

(b) minnufih wara l-imsemmi proviso ghandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:–

"Iżda wkoll fil-każ ta' persuna li jkollha jew tkun ghalqet l-erbghin sena, m'ghandux jintalab minnha livell ta' edukazzjoni daqs iċ-certifikat *school leaving* sew ta' skola sekondarja sew ta' skola tas-snajja' jekk hija tkun temmet b'suċċess kors ta' tahriġ approvat immexxi mill-Aġenzija ghat-Tahriġ dwar l-Impiegi jew minn xi persuna jew aġenzija awtorizzata kif provdut fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.".